## It-Tastiera Maltija

Mill-qiegħ tad-desktop jew mit-taskbar (l-istrixxa ta' fuq tal-iskrin fejn hemm l-arloġġ), mur fis-**System Preferences**.




Issa mur fit-taqsima **Personal** u kklikkja fuq **International**.




Minn hemm agħżel it-tab **Language**.



Mela, trid timxi hekk:

**System Preferences**

→ **Personal**

→ **International**

→ **Language**

Issa mur fuq **Input Menu** u kklikkja fuq **Keyboard Viewer**.

Minn hemm tara lista twila ta' lingwi. Skrollja 'l isfel sakemm issib **Maltese**. Ittikkjaha u ara li tagħżel ukoll (billi tittikkjaha) **Show input menu in menu bar** li hemm aktar 'l isfel fil-qiegħ tal-kaxxa **International**.




Mela, trid timxi hekk:

**Input Menu**

→ **Keyboard Viewer**

→ **Maltese**

→ **Show input menu in menu bar**

B’hekk issa meta tmur fit-taskbar tal-menù li tidher fl-istrixxa ta’ fuq tad-desktop (maġenb l-arloġġ) tinnota li għandek bandiera żgħira. Jekk tikklikkja fuqha ssib li żdiedet ukoll il-bandiera Maltija.




Kull meta tkun trid tikteb dokument jew ittra elettronika bil-Malti, ara li tikklikkja u tagħżel **il-bandiera Maltija**. L-ittri tal-Malti ssibhom skont it-tifsila tat-tastiera Maltija t’hawn taħt:

Tqassim tat-tastiera *48-Key* (Standard)



Tqassim tat-tastiera *47-Key*



Iż-żewġ formati tat-tastiera Maltija ppreżentati hawn fuq huma skont l-istandard nazzjonali **MSA 100:2002** li jiddefinixxi t-tqassim tat-tasti fit-tastiera Maltija.

F’kelma waħda, l-ittri tal-Malti jidhru meta tagħfas dawn it-tasti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ¬ ` | Ċ | \| \ | Ż |
| { [ | Ġ | } ] | Ħ |

**Id-dokumenti bil-Malti**

Meta tiġi biex tikteb f'dokument ara li tuża tipa li tkun Unicode (UTF-8). Il-*Helvetica*, *Lucida Grande* u *Gentium* huma ftit tipi ideali li jistgħu jinkitbu bil-Malti wkoll.

**Il-*browser* u l-posta elettronika**

Il-*browser* tal-Mac (Safari) għandu jkun ikkonfigurat ukoll għall-Malti. Meta tagħmel dan, xorta waħda tkun tista' tikteb bl-Ingliż u tuża t-tastiera Ingliża, mingħajr problemi. Biex tagħmel dan:

→ Iftaħ il-**Mac Safari**

→ Mur **Preferences**

→ Agħżel **General**

→ Agħżel il-**Unicode (UTF-8)** bħala d-**Default Encoding**

**JEW**

→ Iftaħ il-**Mac Safari**

→ Mur **View**

→ Agħżel **Text Encoding**

→ Agħżel il-**Unicode (UTF-8)** bħala d-**Default Encoding**

Dan jgħodd ukoll għas-sistema tal-posta elettronika tiegħek fil-Mac. Trid tagħżel dejjem il-**Unicode (UTF-8)**.

*Nota: F'każ li, għal xi raġuni, is-sistema tal-Mac tiegħek ma jkollhiex inkluż il-lingwa Maltija, tista' tuża l-programm (driver) tat-tastiera Maltija għall-Mac: http://frogbat.com/downloads.php. Imma din għandha tkun dejjem l-aħħar għażla. Fil-maġġoranza tal-każi, il-proċedura spjegata hawn fuq taħdem.*

*F'każ ta' xi diffikultà, tiddejjaqx tikkuntattja lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: kunsilltalmalti@gov.mt*